MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 990/2007

**Noel Bugeja (66261 (M) bhala mandatarju specjali ta' missieru Carmelo Bugeja (760933 M) u b'digriet datat 21 ta' Ottubru 2008 l-gudizzju gie trasfuz f'isem Joseph Bugeja (I.D. 335658 (M), Alexandra Mary sive Sandra Falzon (ID 291664 (M), Maria Dolores sive Doreen Ciantar (ID 148271), Emanuel sive Noel Bugeja (ID 66261 (M), u Claire Agius (I.D. 533976 (M) bhala eredi ta' l-attur Carmelo Bugeja stante l-mewt tal-istess Carmelo Bugeja fil-mori tal-kawza.**

**vs.**

**Carmelo *sive* Lino Bugeja.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Noel Bugeja bhala mandatarju specjali ta’ missieru Carmelo Bugeja (760933 M) datat 26 ta’ Settembru 2005 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur Carmelo Bugeja huwa ragel anzjan ta’ 74 sena u nhar it-12 ta’ Settembru 2007 appunta lil ibnu Noel Bugeja bhala mandatarju specjali tieghu f’kull kawza civili li jista’ jkollu (Dok MAND);

Illi matul iz-zwieg tieghu ma’ Maria Concetta, l-esponenti kien akkwista l-fond *Josette* bin-numru 6, Triq il-Mingel, Attard;

Illi dan il-fond gie stabbilit mill-konjugi bhala d-dar mantrimonali taghhom.

Illi Maria Concetta Bugeja mietet nhar it-30 ta’ Settembru 2002 (Dok “A”);

Illi l-attur u martu kienu ghamlu zewg testmenti *unica charta*, wiehed fit-28 ta’ Awwissu 1986 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar, iehor fl-24 ta’ Jannar 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Alex Sciberras Trigona (Dok “B-D”);

Illi *ai termini* tat-tieni artikolu tat-testment tat-28 ta’ Awwissu 1986, liema klawsola qatt ma giet varjata fit-testmenti sussegwenti, it-testaturi hallew lil xulxin b’titolu ta’ legat (1) l-uzufrutt generali tal-gid taghhom kollu prezenti u futuri, mobbli u mmobbli u ezentaw lil xulxin mill-obbligu tal-inventajru u tal-garanzija u (2) kwart indiviz in piena proprjeta` tal-gid taghhom kollu prezenti u futur;

Illi effettivament, wara l-mewt ta’ Maria Concetta Bugeja, l-attur Carmel Bugeja sar padrun assolut ta’ tliet kwarti indivizi tad-dar matrimonjali *de quo* bid-dritt ta’ uzufrutt fuq ir-rimanenti kwart indiviz;

Illi l-konvenut Carmelo *sive* Lino Bugeja baqa’ jabita mal-attur wara l-mewt ta’ ommu fid-dar *de quo* u l-konvivenza kienet wahda li fiha l-attur safa mahqur mill-konvenut Carmelo *sive* Lino Bugeja;

Illi l-attur Carmelo Bugeja ma jridx lill-konvenut Carmelo *sive* Lino Bugeja jibqa' fil-fond *de quo* u jrid li ibnu Carmelo *sive* Lino Bugeja jivvaka l-fond *de quo* immedjatament;

Illi sa fejn jaf l-attur, Carmelo *sive* Lino Bugeja m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tordna d-dispensa tas-smigh tal-kawza *ai termini* tal-artikolu 167(1);

2. Sussegwentement tghaddi biex tordna li Carmelo *sive* Lino Bugeja jivvaka l-fond *Josette*, numru 6 Triq Mingel, Attard, fi zmien perentorju li tiffassalu l-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tad-dokumenti flimkien mal-lista tax-xhieda a fol. 3 sa 14 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-1 ta' Novembru 2007.

Rat ir-risposta guramentata ta' Carmelo *sive* Lino Bugeja ID 9857 (M) datata 16 ta' Novembru 2007 a fol. 19 tal-process fejn espona.

1. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jirrileva li r-rikors guramenta pprezentat mill-attur *nomine* huwa null u invalidu, *stante* l-fatt li jmur kontra l-**artikolu 156 (3) tal-Kap 12, l-artikolu 789 (c) u 789 (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 1866 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, u dan ukoll kif gie enuncjat fis-sentenza fl-ismijiet (i) **Marcelle Borg Grech propju et *nomine* vs Frank Cachia** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) deciza fit-30 ta' Jannar 1989 kif ukoll (ii) **Antoinette**

**Kissaun *nomine* vs Lawrence Fenech *nomine*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kummercjali deciza fid-19 ta’ Jannar 1989;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, illum il-guranta l-attur l-uzufruttwarju Carmelo Bugeja llum miet u cioe` miet fit-23 ta’ Ottubru 2007, u ghalhekk l-atturi *nomine* ma ghandhom ebda ‘*locus standi*’ in gudizzju, *stante* l-fatt li ebda mill-werrieta l-ohra kontra l-eredi l-konvenut ghandhom l-amministrazzjoni pjena tal-fond *de quo*, u dan ukoll in vjolazzjoni tal-**artikoli 780 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, peress li z-zewg genituri tal-konvenut illum huma mejtin jiskatta u jigi fis-sehh il-validita` tat-testment ‘*unica charta*’ li ghamlu t-testaturi Carmelo Bugeja u Maria Concetta xebba Grech skont l-artikolu 5 tal-istess testment hawn anness u mmarkat bhala dokument “CLB 1”.

4. Illi bla pregudizzju ghas-suepost, il-fatti kif dikjarati mill-atturi *nomine*, u senjatament it-tmienja (8) u disa’ (9) paragrafu tal-istess rikors guramentat huma ghal kollox inveritjietri u kontestati, *stante* l-fatt li l-konvenut Carmelo *sive* Lino Bugeja kellu relazzjoni tajba sal-mewt ma’ missieru u fl-ebda hin u fl-ebda mument ma ried lill-konvenut, jitlaq mid-dar bin-numru estern 6 imsemmi ‘Josette” Triq il-Mingel Attard, u dan kif ser jigi pruvat tul is-smigh tal-kawza;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti atturi.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebiti a fol 20 sa fol 24 tal-process.

Rat ir-rikors ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju datat 21 ta’ Ottubru 2008 u d-digriet tal-istess data fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti presjeduta, fejn fis-seduta tal-21 ta’ Ottubru 2008 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Mark Attard Montalto ghall-konvenut prezenti. Deher Dr. Owen Bonnici ghall-attur. Dr. Owen Bonnici pprezenta rikors ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju. Deher Dr. Attard Montaltlo li rrimetta ruhu. Il-Qorti rat ir-rikors. Laqghet it-talba u ordnat t-trasfuzjoni tal-gudizzju f’isem ir-rikorrenti fir-rikors datat 21 ta’ Ottubru 2008. Id-difensuri trattaw l-ewwel zewg eccezzjonijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut ghad-29 ta’ Jannar 2009.

Rat l-atti kollha prezentati u d-digriet ralattivi.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija decizjoni fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimat ghar-rikors guramentat ipprezentat minn Noel Bugeja bhala mandatarju ta’ Carmelo Bugeja.

Illi fl-ewwel eccezzjoni gie eccepiet li r-rikors guramentat huwa null u bla effett perss li ma’ giex prezentat skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 156 (3) tal-Kap 12,** u ghalhekk ghandu jigi ddikjarat null skond id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 789 (c) u (d) tal-Kap. 12 u l-artikolu 1866 tal-Kap 16.**

Illi l-**artikolu 1866 tal-Kap. 16** jipprovdi li mandatarju ma’ jistax joqghod f’kawza sew bhala parti meta l-mandant ikun f’Malta bla hsara ghal dak li jipprovdi l-**artikolu 786 tal-Kap. 12.**

Illi ma jirrizultax li f’din il-kawza l-attur jinsab Malta u ma jaqax taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 786 tal-Kap.12** u

fil-verita' l-istess rikors guramentat kellu jigi mahluf minnu skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 156 (3) tal-Kap. 12.**

Illi skont l-**artikolu 180 (1) (a)** skritturi ghandhom jigu pprezentati jew mill-parti stess u in kwantu rilevanti ghall-kaz odjern minn min mill-parti li tidher bhala prokuratur ta' persuni li jinsabu barra mill-Gzira ta' Malta jew ta' Ghawdex, li fiha l-iskrittura tigi pprezentata.

Illi fil-fatt l-**artikolu 156 (3)** jipprovdi li r-rikors guramentat ghandu jigi kkonfermat bil-gurament quddiem ir-registratur jew quddiem il-prokuratur legali mahtur bhala Kummissjunarju b'setgha li jaghti gurament taht l-Ordinanza dwar il- Kummissjunarji b'setgha li jaghtu gurament, u ma hemm l-ebda dubju li mid-disposizzjonijiet tal-**artikolu 156** huwa l-attur li ghandu jiehu dan il-gurament u dan kif jirrizulta mill-qari tal-istess subartikolu mas-**subartikolu (1) (2) (4) u (5) tal-artikolu 146. ("Azzopardi vs Bianco et"** – Vol. XL.ii.781)

F'dan il-kaz l-attur kien Carmelo Bugeja li kien jinsab Malta u allura l-istess rikors guramentat kellu jigi mahluf minnu u mhux minn mandatarju tieghu. F'dan il-kaz jidher li l-istess rikors guramentat kien gie mahluf minn Noel Bugeja kif jidher mit-timbru datat 26 ta' Settembru 2007 u ghalhekk tali nuqqas imur kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli fuq citati u ghalhekk anke b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 789 (1) (c) u (d) tal-Kap. 12** tali rikors guramentat huwa ghalhekk null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi (**"Antoinette Kissaun nomine vs Lawrence Fenech nomine"** – A.K. 9 ta' Jannar 1989 – Vol. LXXIII.ii.413); **"Marcelle Borg Grech pro. et noe. Vs Frank Cachia"** (A.C. – 30 ta' Jannar 1989). Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi milqugha u minhabba f'hekk ma hemmx bzonn li din il-Qorti tidhol fuq it-tieni eccezzjoni tal-istess konvenut.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezjoni tal-konvenut fir-risposta tieghu datata 14 ta' Novembru 2007

ghar-ragunijiet indikati f'din id-decizjoni, u **tichad it-talbiet attrici** b'dan li tiddikjara r-rikors guramentatipprezentat minn Noel Bugeja bhala mandatarju specjali ta' missieru Carmelo Bugeja (760933 (M)) fis-26 ta' Settembru 2007 bhala null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------